MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Numru. 840/2003

PULIZIJA
SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD
VS
ALABYAD ELSNUSI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alabyad Elsnusi ta’ 35 sena, bin il-mejjet Mohammed u Hawa, imwieled Tripoli il-Libja fil-15 ta’ Marzu 1968 u joqghod Tondia Flats/1, Triq Viani, Sliema detentur ta’ passaport b’numru mhux maghruf talli fid-9 ta’ Settembru 2003 ghal habta ta’ 11.30am gewwa l-Qorti f’Awla 9, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra Stephen Gatt, persuna imkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li jkun jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti, u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess, jum, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ Stephen Gatt, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel  jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, u dan bi ksur tal-artikolu 95(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguana hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe offiza ta’ natura hafifa fuq l-imsemmi Stephen Gatt, u dan bi ksur tal-artikolu 221(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe hsara fuq l-uniformi tal-ispettur Stephen Gatt ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta u dan bi ksur tal-artikoolu 325(d) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess  jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b’ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta..

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tal-24 ta’ Novembru 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza,bl-akkuzi l-ohra assorbiti, u wara li rat Art 95, 96, 221, 325, 338(dd) u 383 tal-kap 9 u tikkundannah ghal erba xhur prigunerija u tqieghed lill-imputat taht garanzija ta’ Lm100 ghal sena bl-

obbligazzjoni li ma jkellimx, ma jimmolestax u jma jdejjaqx lill-ispettur Stephen Gatt.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------